PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 3941

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 254 tal-15 ta' Ottubru 2019 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA GĦALL-GRUPPI PARLAMENTARI**

**39. ONOR. GODFREY FARRUGIA jistaqsi lill-Ispeaker:** In-naħa tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni jingħataw sussidju ta' €100,000 kull wieħed. Jista' jgħid kif qed jintefqu? X'monitoraġġ qed isir?

14.10.2019

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onorevoli Membru li l-allokazzjoni finanzjarja li qed jagħmel referenza għaliha tidher fl-Estimi Finanzjarji li jiġu ppreżentati lill-Kamra kull sena. Fl-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020 li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tal-bieraħ wara l-qari tal-Baġit, din l-allokazzjoni tidher taħt *Line Item 5298 – Development of relations by Political Groupings in Parliament*.

Il-materja tal-kontabilità dwar kif qed tiġi utilizzata din l-allokazzjoni mill-gruppi rispettivi ġiet imqajma fil-pjanijiet finanzjarji tas-Servizz Parlamentari għas-snin 2018, 2019 u 2020 li s-Sedja ppreżentat lill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra għall-konsiderazzjoni tiegħu u l-approvazzjoni sussegwenti mill-Kamra.

Ninforma lill-Onor. Membru li l-kwestjoni għandha tiġi diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li għandu jiltaqa' biex jittratta l-approvazzjoni tal-pjan finanzjarju tas-Servizz għas-sena 2020.

Seduta 254
15.10.2019